MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 63/2006/1

**L-Avukat Dottor Michael Falzon**

**vs**

**John Zammit fil-kwalita tieghu bhala editur tal-gurnal 'In-Nazzjon'**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Lulju, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat l-avvizipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Frar 2006 fejn l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma ta' mhux izjed minn hamest elef lira Maltin (LM5,000) bhala danni ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet

ta’ Malta u dan stante illi b’karikatura ppublikata fil-gurnal ‘In-Nazzjon’ ta’ nhar il-wiehed u tletin (31) ta’ Jannar 2006 (Dok. MF1) immalafama lill-attur bil-ghan car li jtelliflu jew inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat John Zammit fejn espona bir-rispett.

Illi l-pubblikazzjoni mhix libelluza u malafamanti billi:-

a. Ir-rikorrent mhux identifikat jew identifikabbli.
b. L-pubblikazzjoni tikkonsisti f’karikatura li necesarjament tikkonsisti f’allegorija u trid tittiehed f’dan l-isfond.
c. Tammonta ghall-‘fair comment’.

Illi nhar id-disgha (9) ta’ Novembru 2006 xehed l-attur **Dr. Michael Falzon** fejn spjega li l-ilment tieghu huwa dirett ghal dik il-karikatura li dehret fil-pagna hdax (11) fil-harga tal-gurnal ‘In-Nazzjon’ tal-wiehed u tletin (31) ta’ Jannar 2006, li kopja fotostatika taghha tinsab esebita a fol. 2 tal-process, immarkata bhala Dok. MF 1. Huwa esebixxa fotokopja ohra taghha b’ingrandiment tal-istess karikatura li giet markata bhala Dok. MF 2.

Qal li dik il-karikatura hija diretta lejh anke minhabba illi ggib il-kunjom tieghu ‘Falzon’ u tindika li l-alleana Falzon hija murija f’forma ta’ serp. Huwa ha bhala riferenza ghalih il-kliem ‘alleanza Falzon’ peress li l-gurnal ‘In-Nazzjon’ kien anke precidentement, f’hargiet precedenti, rrefera ghalih b’ismu w irrefera ghall-alleanza ta’ Michael Falzon, kif deher fil-harga tat-tletin (30) ta’ Lulju 2005 ta’ tali gurnal fil-pagna ta’ quddiem u huwa fil-fatt esebixxa kopja ta’ l-istess li giet immarkata bhala Dok. MF 3.

Stqarr li huwa Deputat Mexxej tal-partit u jhoss li huwa insult ghalih li huwa jigi imxebbah ma serp, ix-xebh ma serp fil-moghdija taz-zmienijiet qatt ma kien intiz biex jaghmel jew jaghti xi fama tajba lil min jigi hekk imxebbah.  Ix-xebh ta' kwalunkwe persuna ma serp, hija ndikattiva ta' xi haga negattiva w ghalhekk ihoss li referenza ghalih u forsi ghal shabu, bhala alleanza Falzon, hija ndikattiva li huwa ntiz li jaghmel hsara lil partit.

Qal li l-iskop tal-karikatura li qed issir referenza bih ghad-diskors li kien ghamel Dr. Alfred Sant, il-Kap tal-Partit Laburista, meta Dr. Sant kien irrefera ghal xi serp fil-Partit Laburista li kien intiz sabiex jghamel hsara lilu.  Qal li dan ma kienx accettabli ghalih minhabba l-kariga tieghu ta' Vici Kap tal-Partit Laburista.  L-allegazzjoni li huwa qed ighamel hsara lil Partit meta effettivament jokkupa il-kariga ta' Vici Kap ta' dak il-Partit w ghalhekk suppost qed ighamel gid lil Partit.  Ghalhekk ighid li huwa ma messu qatt gie mzebblah b'dak il-mod.

Jghid li dan ix-xebh ikollu riperkussjonijiet anke fil-fiducja li suppost il-membri tal-Partit suppost ghandhom ikollhom fuqu anke il-fiducja tal-pubbliku 'n generali.  Qal li din seta' kellu wkoll effett fuq il-kandidatura tieghu ghall-elezzjoni generali ta' Marzu 2008 peress li huwa kien diga tefa' l-applikazjoni tieghu ghal tali kandidatura meta giet pubblikata tali karikatura. Jghid ukoll li r-referenza hija ghalih biss ghaliex fil-Partit Laburista ma hemm l-ebda persuna li ghandha kariga gholja li ghandha kunjomha Falzon, apparti hu.

In kontr'ezami jikkonferma li ma hemm l-ebda alleanza mmexxija minnu.  Jghid li ghalkemm Dr Sant kien ghamel referenza ghal sriep fil-Partit, hu ma kien identifika lil ebda wiehed u kien biss permezz ta' din il-karikatura li 'In-Nazzjon'ipprova jiddentifika lilu.  Jghid li l-kliem ezatt li kien uza

Dr. Sant fid-diskors tieghu, huwa ma jiftakrux, pero jghid li zgur ma kien semma lil hadd b'ismu.

Illi nhar l-erbgha (4) ta' Mejju 2007 xehed l-attur u esebixxa vera kopja tal-karikatura li dehret fil-gazzetta 'In-Nazzjon' fit-tletin (30) ta' Jannar 2006. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok, CSH. Jghid pero li l-karikatura qed tirreferi ghal dak li kien gara qabel it-tletin (30) ta Jannar 2006 stante li giet pubblikata fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2006. Jikkonferma li r-rapporti l-ohra li dehru fil-gurnali f'nofs Novembru 2006 m'ghandhomx x'jaqsmu ma din il-karikatura. Mistoqsi jekk kienx hemm xi proceduri nterni fil-konfront ta' din is-sinjorina, huwa jghid li ma kienx hemm w ghalhekk din l-istorja hija vvintata mill-gurnali.

Jikkonferma wkoll li din is-sinjorina Attard mhiex impjegat mal-partit u lanqas mieghu. Qal li Segretarja huwa m'ghandux.

Fit-tmintax (18) ta' Gunju 2007 xehed l-attur w ikkonferma li safejn jaf hu ma ttiehdu l-ebda passi dixxiplinari kontra xi persuna 'n konnessjoni ma din il-kwistjoni tas-sriep. Ghal darb ohra jghid ukoll li l-karikatura li huwa oggezzjona ghaliha kienet dehret sena qabel piu o meno qabel l-incident li ghamel referenza ghalih l-avukat tal-konvenut. Stqarr li, u semma l-kwistjoni ta' serp, meta tkellem fil-pubbliku f'Mejju 2007 u qal li kien hemm xi hadd li xtaq iqacctu.

Illi nhar is-sitta (6) ta' Novembru 2007 rega' xehed l-attur u kkonferma li waqt li kien qed ighamel xi diskors gewwa il-Kazin tal-Partit Laburista fir-Rabat kien ghamel referenza ghal kelma '*serp*' u li effettivament kien qal li ma kienet xejn ghajr *frame up* fuq persuna. Jghid ukoll li qatt ma qal li saret din ir-referenza minn xi hadd tal-Partit u hawn kien qed jirreferi ghal Nathalie Attard.

Illi nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta' Marzu 2007 xehed **Dr. Stefan Zrinzo** u dan bhala President ta' l-Amministrazzjoni Esekuttiva Nazzjonali tal-Partit Laburista. Ikkonferma li l-attur jokkupa l-kariga ta' Deputat Mexxej tal-Affarijiet Barranin u dan b'effett minn Mejju 2003. Ikkonferma ukoll li Dr. Falzon huwa kandidat approvat ghall-elezzjoni generali. Mistoqsi jaghti lista ta' min jokkupa l-karigi fl-*administration*, ighid li huma Louis Gatt, Jason Micallef, Dr. Wenzu Mintoff, Alex Farrugia Tommy Dimech, Ray Azzopardi, Dr. Joseph Mifsud u s-segretarju tal-grupp, huwa d-Deputat Joe Mizzi. Fil-partit ma hemm hadd bil-kuljom 'Falzon' ghajr ghall-attur.

In kontr'ezami jghid li personalment qatt ma kien prezenti waqt xi diskors maghmul minn Dr. Alfred Sant fejn ghamel referenza ghal xi sinjorina bhala 'serp' pero li kien hemm rapport fil-gurnal f'dan is-sens jaf bih. Ikkonferma li r-referenza li saret ghal din is-sinjorina hija mara li taghmel hafna xoghol fil-Partit ghal Dr. Michael Falzon pero mhiex is-segretarja tieghu.

Illi nhar id-disgha (9) ta' Lulju 2007 xehed il-konvenut **John Zammit** w ghamel referenza ghall-karikatura li kien oggezzjona ghaliha l-attur fix-xhieda tieghu, liema karikatura tinsab esebita fl-atti a fol. 18 u markata bhala Dok. MF 2. Jghid li din il-karikatura turi li Dr. Alfred Sant, il-Leader tal-Partit Laburista qed ihossu taht attakk mis-sriep. Jispjega li fil-fatt Dr. Sant stess kien uza din il-kelma *sriep* b'referenza ghal min ma jaqbilx mieghu. L-editorjal li hemm ma gemb din il-karikatura jaghmel referenza ghad-diskors ta' Dr. Alfred Sant li fih isemmi il-kelma *sriep*. Barra minn hekk, ighid li s-sorsi li huma ghandhom fil-Partit Laburista, hemm hafna li jitkellmu fuq alleanzi u gruppi differenti fil-Labour Party. Jispjega li l-attur ha ghalih minhabba l-annimal li ntuza, li huwa serp.

Huwa esebixxa artikolu li kien deher fil-gazzetta ‘Il-Mument’ datat sebgha w ghoxrin (27) ta’ Mejju 2007 li gie mmarkat bhala Dok. Z, fejn fih hemm storja twila u cioe riassunt ta’ dak li huma jafu mis-sorsi taghhom u cioe l-inkompatibilita u sahansitra nuqqas ta’ qbil bejn il-Leader tal-Labour Party, Dr. Sant u d-Deputy Leader, l-attur u dan fuq diversi materji bhal l-elezzjoni generali bikrija ta-sena 1998, kellhiex titnehha il-VAT fis-sena 1996, l-posizjoni tal-Labour Party fuq l-Ewropa u r-referendum tas-sena 2003 jekk intrebhitx jew le mill-Labour Party, jekk Dr. Sant kellux ikompli imexxi il-Partit fis-sena 2003 u dwar il-kwistjoni tas-serp li huwa sejjer jaghmel referenza ghalih aktar ‘l quddiem.

Jghid li f’kaz partikolari anke hemm referenza ghal dan l-artikolu li ghadu kemm semma fil-harga tal-gazzetta ‘l-Orizzont’ datata tlieta (3) t’ Ottubru 1998, liema artikolu kien hareg wara l-elezzjoni tas-sena 1998. Hawnhekk il-gurnal ‘l-Orizzont’ jirraporta diskors tal-attur li kien ghamel waqt konferenza generali straordinarja tal-Labour Party. L-attur kien irribatta qlajjiet kontra tieghu. Dan l-artikolu gie esebit u mmarkat bhala Dok. X. Jinghad f’dan l-artikolu li l-attur beda jghid dwar akkuzi li kienu qed isiru kontrih fi hdan il-Partit Laburista, fosthom li kien il-persuna li zvela fil-gurnali opposti tal-Partit Laburista hafna krizijiet fi hdan il-Partit. F’dan id-diskors gie rrapurtat li ntqal li fi hdan il-Partit Laburista hemm xi hadd li huwa ‘kodard ahdar li qed jipprova ixerridha li huwa il-*link* li qed ighid kollox fil-gurnali opposti.’ Spjega li sussegwentement huwa kien iccara dan id-diskors meta mar jitkellem fuq in Net TV f’xi diskussjoni. Spjega li dak iz-zmien l-attur kien is-Segretarju Internazzjonali tal-Partit Laburista. Qal li din l-ideja li kien hemm xi nies fil-Labour Party li kienu qieghdin jghidu kontra l-attur, ilha gejja mis-sena 1998.

Jispjega li l-attur fix-xhieda tieghu tad-disgha (9) ta' Novembru 2006 jammetti li Dr. Sant verament kien qal li kien hemm xi 'sriep' li qed jighamlulu hsara. Jghid li l-kelma 'sriep' bdiet tintuza ta' spiss fil-gazzetta imsejha 'Illum', li huwa m'ghandux x'jaqsam maghha. Huwa esebixxa artikolu li deher f'din il-gazzetta nhar it-tnax (12) ta' Novembru 2006 intitolat 'Sant imwissi dwar serp' li gie mmarkat bhala Dok S. Dan l-artikolu jghamel referenza ghal xi persuna qrib il-Partit Laburista li ghaddiet informazzjoni lil 'Media Link', li huwa il-*media* tal-Partit Nazzjonalista, meta kienet qed issir laqgha bejn il-kuntratturi, li effettivament ma kienitx miftuha ghall-Istampa, izda dan nonostante, kienet waslet informazzjoni ghandhom u kien ghalhekk li huma marru jiffilmjaw il-kuntratturi hergin minn din il-laqgha. Jidher li l-Hadd ta' wara, din il-gazzetta kienet tkellmet mal-attur u harget artikolu intitolat 'Falzon dwar is-serp' fejn l-attur gie rappurtat li qal li ma jiddiskutix affarijiet interni tal-Partit. Dan l-artikolu gie mmarkat bhala Dok. T. Jikkonkludi x-xhud billi jghid li fil-fehma tieghu il-Partit Laburista jitkellem dwar 'sriep' ghall-gruppi li hemm go fih.

Ix-xhud jghid, li fil-fehma tieghu, l-attakk ma kienx fuq il-persuna tal-attur, izda fuq persuna qrib tieghu. Fil-fatt ighid li l-attur isemmiha fix-xhieda tieghu tal-erbgha (4) ta' Mejju 2007 f'dawn l-istess atti kif rappurtat aktar 'l fuq. Jghid li l-attakk kien fuq sinjorina kunjomha Attard.

Huwa esebixxa wkoll artikolu iehor li gie markat bhala Dok. Q, intitolat 'E mail lil Michael Falzon twassal ammiratur ghand il-Pulizija' li deher fil-gurnal 'Illum' fit-harga tat-tmienja (8) ta' Mejju 2007. F'dan l-artikolu wkoll hemm referenza ghall-kelma 'sriep'.
Ix-xhud ikompli jghid u jispjega li dakinhar stess tal-harga tal-gurnal 'Illum' tat-tmienja (8) ta' Mejju 2007 imsemmi aktar 'l fuq, l-attur stess, f'diskors li ghamel fil-kazin Laburista gewwa ir-Rabat, li

xxandar direttament fuq Radio Super One qal is-segwenti ‘*wara li dawn l-istejjer li johorgu fil-press, hu fejn hu, ha nkun car hu fejn hu, imissu jisthi’*. Huwa fehem li l-attur kien qed ighamel referenza ghal xi hadd fil-Labour Party li kien qed jipprova jghamillu l-hsara u li ghalhekk mar ghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan staqsih jekk ikun ‘X’ jew ‘Y’ kienx lest li jipprocedi peress li l-*e-mail* li kien ircieva kienet anonima, u l-attur kien irrisponda lil Kummissarju ‘ikun min ikun’. Sussegwentement kien ghamel referenza ghal xi alleanza mill-*media* ta’ l-Opposizjoni u qal li l-*e-mail* baqghet tigri fic-centru. L-attur fid-diskors tieghu jghamel referenza ghal hsara li kienet qed issir lis-sinjorina Attard sabiex indirettament issir hsara lilu u li ghalhekk x-xhud qal li din il-persuna kellha x’taqsam mieghu stante il-*link* li ghamel l-attur stess. Huwa esebixxa siltiet minn dan id-diskors li gie mmarkat bhala Dok. R.

B’referenza ghall-kariaktura ‘n ezami, mistoqsi jekk huwiex minnu li Dr. Sant ma semmiex l-alleanza Falzon fid-diskors tieghu, x-xhud jghid li kien veru li ma ssemmietx, pero jghid li Dr. Sant kien semma il-kelma ‘sriep’, ghalkemm ma qalx li jisma ‘alleanza Falzon’.
Spjega ulterjorment li it-*trigger* ghal din il-karikatura kien id-diskors ta’ Dr. Alfred Sant stess, partikolarment meta uza il-kelma ‘sriep’. Mistoqsi jekk isemmietx il-kelma ‘alleanza Falzon’ fl-artikolu tat-tlieta (3) t’Ottubru 1998 li deher fil-gazzetta ‘In-Nazzjon’, x-xhud ighid li l-kelma ‘sriep’ ma tissemmiex, pero mill-artikolu stess jintwera car li sa mis-sena 1998 il-gruppi fil-Labour Party jattakkaw lil xulxin billi jippercepixxu lil xulxin bhala allejanzi opposti. Tant hu hekk ighid, li l-attakk fuq l-attur tant kien kbir li huwa hass li kellu jitkellem fil-konferenza generali. Jghid li dak li deher fil-karikatura jindika bic-car dak li kienu jafu zmien qabel. Jghid li minn dak li rrizultalu kunfidenzjalment, kien hemm zewg alleanzi fil-partit Laburista, l-alleanza Falzon u l-alleanza ta’

Dr. Sant li kienet hi li tghid kontra l-‘alleanza Falzon’.

Illi nhar is-sitta (6) ta’ Novembru 2007 xehdet **Nathalie Attard** u spjegat li hija ma kellhiex impjieg fiss mal-Partit Laburista, kienet biss voluntiera fl-ufficcju elettorali tieghu. Tghid li kien hemm zmien meta l-attur kien imexxi dan l-ufficcju elettorali u tghid li sal gurnata meta xehdet, kienet ghadha qed taghmel dak ix-xoghol. Tispjega li darba minnhom Dr. Sant, f’diskors li kien ghamel, kien ghamel referenza ghall kelma ‘sriep’, ghalkemm hadd ma kien kellimha dwaru. Tghid li hija kienet membru fl-Ezekuttiv u ma tafx li qatt issemmiet il-kelma ‘sriep’ f’xi laqgha li nzammet waqt li kienet ghadha membru. Qalet li ma kkontestatx l-ahhar elezzjoni f’Jannar tas-sena 2007.

Tispjega u tghid li Dr. Sant kien darba minnhom semma il-kelma ‘sriep’ waqt il-Konferenza Generali tas-sena 2006. Mistoqsija jekk qattx kien hemm xi passi dixxiplinari f’dan ir-rigward dwar il-kelma ‘sriep’, tghid li hija ma kienitx taf bihom jekk kien hemm, ghaliex stante li hija voluntiera, affarijiet interni ma tkunx taf bihom. Tghid li fl-ufficcju elettorali hija ma jkollha x’taqsam xejn mat-tmexxija tal-Partit. Ikkonfermat li l-attur ma baqax imexxi l-ufficcju elettorali tal-Partit w illum dan l-ufficcju huwa mmexxi minn certu Louis Gatt. Tghid li Dr. Falzon baqa’ jmexxi dan l-ufficcju sas-sena 2003 meta effettivament kien lahaq Deputy Leader tal-Partit.

Mistoqsija jekk hi ghamlitx xi reazzjoni meta effettivament hargu l-*public statements* u hija ssemmiet bhala possibilment ‘is-serp’, hija wiegbet li r-referenza ghall-kelma ‘serp’ fil-konfront taghha m’ghandha x’taqsam xejn mal-libell in ezami u dan ghaliex l-kaz fejn sehh referenza ghaliha, sehh f’Novembru 2006 waqt li dak fil-konfront tal-attur sar f’Jannar 2006, hdax-il xahar

qabel. Hija pero tghid li ma rrejagixxietx meta ssemmiet fil-gazzetta f' Novembru 2006. Tghid ukoll li ma tafx li l-attur ghamel xi allegazzjoni li kien hemm xi *frame up* fil-konfront tieghu. Ikkonfermat li fil-Konferenza Generali li saret f'Novembru, ma kien hemm l-ebda referenza ghall-kelma 'serp' fil-konfront ta' l-attur.

Il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjoni tal-attur ipprezentata fl-atti nhar it-tmienja (8) ta' Jannar 2008 u dik tal-konvenut ipprezentata nhar it-tmienja (8) t'April 2008.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Mejju 2008.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza ghandha l-origini taghha f'karikatura ppublikata fil-harga tal-gurnal 'In-Nazzjon' ta' nhar it-Tlieta, wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2006. F'din il-karikatura ppublikata ma gemb l-Editorjal, turi lil Dr. Alfred Sant, Kap ta' l-Opposizzjoni, mdawwar b'numru ta' 'sriep' li jipprovaw jifgawh u jaghtuh il-velenu, u fosthom wiehed mis-'sriep' huwa imsemmi bhala 'alleanza Falzon'. M'hemmx dubbju li l-karikatura taghmel enfasi ghal personagg ta' Dr. Sant imdawwar b'wiehed mill-annimali l-aktar koroh, ghaliex jissimbolizza hwejjeg negattivi bhal dak maghruf bl-Ingliz, bhala '*slime*' u '*sleeze*'. Zewg aggettivi dispjacevoli ghall-ahhar.

L-azzjoni hawn trattata hi dik ghad-danni ghall-malafama kontemplata fl-Artikolu 29 ta' l-Att dwar l-Istampa, liema malafama tinsorgi jekk fl-istampat denunzjat jigu attribwiti lil persuna "*fatti determinant bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu jew li jesponiha ghar-redikolu jew ghad-disprezz pubbliku" (*Art. 11 (a)).

Il-karikatura, certament tirrientra fit-tifsira li l-Att imsemmi bl-Artikolu 2 jaghti tifsira lill-kelma "stampat" u effettivament skond il-kazistika Ingliza "*a man may be grossly libelled as affectively exposed to hatred, contempt and redicule, by a caricature as by written language* ("**Ellis vs Kimbell"** (1834) citata f'nota marginali fil-Gatley **On Libel and Slander**.)

L-attur xehed f'din il-kawza f'diversi seduti u spjega kif huwa hass ruhu ingurjat w offensiv b'din il-karikatura u bix-xebh tieghu lejn l-annimal 'is-serp'. Fost affarijiet ohra l-attur jispjega fix-xhieda tieghu li din il-karikatura hija diretta lejh, minhabba il-kunjom tieghu 'Falzon' u tindika u taghti x'tifhem li l-'alleanza Falzon', hija 's-serp' madwar il-Leader tal-Labour Party. Apparti li m'hemmx haddiehor b'kunjomu 'Falzon' b'kariga gholja fil-Labour Party, jghid li l-gurnal 'In-Nazzjon' kien precedentement ghamel referenza ghall-'alleanza Falzon' immexxija minnu fil-harga tat-tletin (30) ta' Lulju 2005, kif jirrizulta mid-Dok. MF 3 esebit fl-atti, w ghalhekk m'hemmx dubbju li r-referenza kienet ghalih.

Jghid li dak iz-zmien li giet pubblikata din il-karikatura, huwa kien jokkupa l-kariga ta' Deputat Mexxej tal-partit w ghalhekk hass li huwa insult kbir ghalih li huwa jigi mxebbah ma 'serp', ix-xebh ma 'serp' fil-moghdija taz- zmien, fil-fehma tieghu, qatt ma kien intiz biex jaghmel jew jaghti xi fama tajba lil min hekk jigi imxebbah. Ix-xebh ma 'serp' hija ndikattiva ma xi haga negattiva u dan ghaliex hija ndikattiva li huwa, flimkien ma shabu fl-allegat alleanza, jridu jghamlu hsara lil-partit. Jghid li dan hu proprju dak li ma jridx lil poplu jahseb li huwa jigi mzeblah b'dan il-mod, ghaliex dan jista jkollu riperkussjonijiet, anke fil-fiducja li l-membri tal-Partit u l-pubbliku suppost li jkollhom fih. Jghid ukoll li jista jkollha effett negattiv fuq il-kandidatura tieghu ghall-elezzjoni generali.

Il-kwistjoni li trid tindaga din il-Qorti, hija sa fejn din il-karikatura tista tigi identifikata b'dan l-annimal u sa fejn tista issir hsara lill-attur fil-konfront ta' terzi, li jaraw din il-karikatura.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi hija l-fehma tal-Qorti li jekk wiehed jara l-assjem ta' din il-karikatura, bid-dettalji kollha taghha, wiehed bilfors jasal ghal konkluzjoni li l-personagg tal-attur, qed jigi identifikat ma 'serp', u bir-ragun kollu, l-annimal 'serp' m'huwiex wiehed mill-isbah annimali w ghalhekk bir-ragun, l-attur hass ruhu ngurjat b'din l-identifikazzjoni w assimilazzjoni.

Il-konvenut, minn naha l-ohra, jghid li fl-ewwel lok, l-attur mhux identifikat jew identifikabbli, u li l-pubblikazzjoni tikkonsisti f'karikatura li necessarjament tikkonsisti f'allegorija li trid tittiehed f'dak l-isfond u finalment li tammonta ghal *fair comment.* Il-konvenut esebixxa diversi artikoli fejn il-kelma 'serp' intuzat fir-rigward ta' xi nies li jappoggjaw il-Labour Party, anke artikolu fejn l-Kap tal-Partit tal-Labour stess uza din il-kelma, pero minn ebda artikolu ma jirrizulta li l-kelma 'serp' intuzat fil-konfront ta' l-attur u kien biss il-konvenut, permezz ta' din il-karikatura, li identifikah bhala 'serp'. Ghalhekk, li l-konvenut jghid, li l-attur mhux identifikat jew identifikabbli, hija nveritiera.

Huwa nutili li l-konvenut jipprova jiggustifika din il-karikatura fix-xhieda tieghu, billi jghamel referenza ghall-Editorjal fl-istess pagna u li l-karikatura ghandha tiftiehem fis-sens ta' l-istess Editorjal.

L-istampa viziva hija aktar effettiva u hija l-ewwel li tolqot l-ghajn. Il-qarrej ordinarju, li jara din il-karikatura, ser immur l-ewwel fuqha, u ser jiddentifika lill-personagg ma dak li kien intiz li jigi identifikat, f'dan il-kaz 'serp'.

Hemm diversi 'sriep' li qieghdin jiccirkondaw lil Dr. Alfred Sant, pero huwa wiehed biss, li ghandu isem u cioe dak ta' 'alleanza Falzon' u hu ghalhekk li l-attur qed jigi identifikat ma dak l-annimal ta' stmerrija.

Din il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Onorevoli Perit Michael Falzon</u>** deciza nhar il-hmistax (15) ta' Dicembru 1977 meta qalet:

"*Illi huwa wkoll stabbilit fil-gurisprudenza taghna, illi l-gudikant ghandu jara dak li ragonevolment jifthem il-qarrej ta' intelligenza ordinarja: it-test tal-karattru libelluz o meno t' artikolu li jikkonsisti fl-impressjoni li jhalli l-artikolu fuq il-qarrej ordinarju.*"

Il-fatt li f'din il-kawza, ghandna karikatura u mhux xi artikolu jkompli enfasizza dan it-taghlim fis-sens li l-impressjoni li thalli din il-karikatura fuq il-qarrej ordinarju, huwa t-*test* li l-Qorti trid tuza sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha.

Dan l-esercizju jrid isir mill-Qorti u m'ghandhiex ghalfejn tisma xi opinjoni ta' espert biex tara x'fehem hu bil-karikatura u dan ghaliex ma jikkwalifikax bhala qarrej ordinarju fis-sens fuq imsemmi. Ma hemmx dubbju li l-ewwel impressjoni li l-karikatur taghti, hija l-identifikazzjoni mal-annimal 'serp' w ghalhekk il-Qorti jidhrilha li dan huwa defamatorju fil-konfront ta' l-attur.

Kif qal l-awtur **Gatley** fil-ktieb **<u>Libel and Slander</u>**

"*Any imputation which may tend to lower the plaintiff in the estimation of right thinking members of society, to cut him off from society, or to expose him to contempt or to redicule is defamatory of him*."

Din il-karikatura tesponi lill-attur "*to contempt and redicule*" ghax anke l-posizjoni u l-mod kif qed jitmashan, hija ntiza biex tirredikola lill-attur. Veru li l-attur bhala persuna maghrufa fil-politika, jrid jissubixxi certa ammont ta' kritika u anke moghdija biz-zmien, pero bhalma wkoll ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Anglu Fenech pro et noe vs Carmel Callus et** deciza nhar l-erbgha (4) ta' Frar 1994:

"*Il-politici, entitajiet politici u trade unions kellhom ikunu aktar tolleranti lejn il-kritika, pero jkun hemm libel biss meta l-kummenti jkunu intollerabbli.*"

F'dan il-kaz, il-Qorti jidhrilha li meta l-attur gie paragunat ma 'serp' li qed jaghti il-velenu lil Kap tieghu, allura tali paragun huwa ntollerabbli u ma ghandu qatt jigi wzat mill-*media* biex jirredikola lil xi hadd.

Dan ukoll gie deciz f'kawza fl-ismijiet **David Agius vs Alfred Sant** deciza nhar is-sebgha (7) ta' Mejju 1993 fejn il-Qorti ghamlitha cara:

"*Li l-medja ma kellhiex tigi wzata bhala mezz biex tirredikola ndividwi u tesponihom ghal disrispett pubbliku. Politiku jew mhuwiex, l-attur huwa ndividwu illi jisthoqqlu l-protezzjoni tal-ligi meta jigi identifikat u abbonat ma persuna li l-istorja kkundannat bl-aktar mod assolut u bl-aktar stmerrija"*.

Huwa inutili li l-konvenut jghid li l-annimal 'serp' intuza diversi drabi f'diskorsi u artikoli fil-konfront ta' partiggjani laburisti, ghaliex din il-kawza m'hiex intavolata minn kwalunkwe partiggjan laburist, izda mid-Deputat Mexxej tal-Partit Laburista, li gie identifikat personalment fil-karikatura. "*The ordinary man in the street mhuwiex xi editor tal-gazetta jew inkella xi professur ta' ragonar ta kif ghandhom jigu interpretati karikaturi"* kif qalet il-

Qorti tal- l-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Dr. Alfred Sant vs Joe Mikallef** deciza nhar l-ghaxra (10) ta' Jannar 2003.

Il-karikatura kif inhi, hija libelluza l-ghaliex mal-ewwel daqqa t'ghajn, tiddentifika lill-attur ma 'serp' mimli velenu ghal kap tieghu w ghalhekk l-attur jisthoqqlu li jigi moghti l-protezzjoni tal-Ligi u d-danni konsegwenzjali.

Verament mhux important li wiehed jara x'kellu f'rasu l-awtur ta' l-istampat jew jara kellux '*animus injuriandi*', imma dak li hu importanti hu li wiehed jara x'jifhem il-qarrej ordinarju u t'intelligenza normali meta jaraha ("**Avukat Dr. Jos. Desira Buttigieg vs Emmanuel Cossai**" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nha d-disgha w ghoxrin (29) ta' Novembru 1958, **The Police vs Joseph James Scorey** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra (10) ta' Jannar 1949 u **Joseph Scerri vs Thomas Hedley** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlettax (13) ta' Jannar 1962.)

Kif inghad fis-sentenza fuq citata ta' **Dr. Alfred Sant vs Joseph Mikallef:**

"*B'qarrej ordinarju wiehed necessarjament jifhem dak li fid-dutrina Ingliza, jissejjah 'right thinking person'. Persuna li ma toqghodx tissotolizza, imma tifhem il-kliem jew stampat iehor 'in their natural and ordinary meaning i.e. in the meaning in which reasonable men of ordinary intelligence, with the ordinary men's general knowledge and experience or wordly affairs would be likely to understand them'* (*Gately op.it pagna 47). Dedotti mill-istampat hemm imbaghad l-inferenzi 'which a reasonable reader guided not by any special but only by general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the words. (***Jones vs Skelton*** 1963)".*

Illi fil-fehma tal-Qorti l-karikatura in desamina hija libelluza per se.

Dwar l-eccezzjoni tal-*fair comment* id-decisjoni fl-ismijiet **<u>Reginald Miller vs Joseph J Scorey</u>** deciz mill-Qorti ta’ l-Appell nhar is-sitta w ghorin (26) t’April 1948 toffri spjegazzjoni dettaljata ta’ x’jikkostitwixxi ‘comment’ u x’jikkostitwixi ‘fair’.

Jinghad li:

*“The criticism is not ‘fair’ if it is such as any fair man, however exaggerated or obstinate his views, would not have written that criticism*.”

Ghalhekk id-difiza tal-kumment gust taqa’ comb, ghax kif inhu logiku, ‘*the defence of the fair comment does niot extend to cover mis-statements of facts however bona fide. (**<u>Vol. XXX III p. IV p. 800; Vol XLIII p. IV p. 1126; Vol XLII p. IV p. 1470; Vol XLIV p. IV p. 874)</u>**.*

Minn naha taghha l-karikatura twaqqa’ d-difiza tal-kritika gusta. Bizzejjed wiehed jaghti titwila, anke superficjali, lejn din il-karikatura jew *cartoon* biex jikkonkludi li din ma hiex, kif taha *ad intendere* il-konvenut, illi kien qed jirriproduci dak li ghalih, kien diga gie ppubblikat. Hija l-implikazzjoni tal-attur ma ‘serp’ fil-karikatura, li tghamel l-offiza lill-attur u huwa dan is-sens univoku li l-qarrej ikollu meta jara din il-karikatura.

Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li taqbel mal-attur, li l-karikatura odjerna tincidi fuq ir-reputazzjoni tieghu u tesponih ghad-disprezz u ghal sfiducja kbira mill-pubbliku.

Illi issa l-Qorti trid tqis l-ammont ta’ kumpens li jisthoqqlu jircievi l-attur bhala riparazzjoni ghall-ingurja u l-malafama li garrab.

Ghal dan il-ghan, qieghed jigi mehud kont dak li gie kkonstat, li l-fatt imsemmi jew attribwit lilu, u cioe li huwa kien qed jipprova jivvelena l-Leader tal-partit tieghu, bl-ebda mod ma tirrizulta, li x-xilja kienet wahda li tigbor fiha ghemil kriminali, minbarra li huwa att t'abbuz minn kariga pubblika, u dan jimmerita sanzjoni qawwija, mehud kont ukoll kif dan l-episodju kien ghadu jqanqal interess u segwitu fuq skala nazzjonali fiz-zmien li resqet l-elezzjoni generali li ghaddiet.

Fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 30 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li hadet qies tal-artikolu 28(2) tal-istess, il-Qorti qieghda tillikwida d-danni fis-somma ta' tlett elf lira Maltin (LM3,000) konvertiti f'sitt elef disgha mija u tmienja u tmein Euro u tnax il-centezmu Euro (Euro 6988.12).

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tilqa it-talba attrici u tiddikjara l-karikatura ppublikata fil-gurnal 'In Nazzjon' nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2006, bhala malafamanti u li jtellef il-gieh u reputazjoni tal-attur qieghda tillikwida d-danni li ghandu jhallas l-konvenut lill-attur, fis-somma ta' tlett elf lira Maltin (LM3,000) konvertiti f'sitt elef disgha mija u tmienja u tmenin Euro u tnax il-centezmu Euro (Euro 6988.12).

L-ispejjez ta' din il-kawza u l-imghax skond il-ligi jithallsu mill-konvenut."

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza l-konvenut, koncizament, iressaq dawn l-obbjezzjonijiet:-

(1) L-attur mhux identifikat jew identifikabbli mill-karikatura fl-isfond ta' l-editorjal;

(2) Jekk huwa hekk identifikabbli, dik il-karikatura tammonta ghall-*fair comment*. Dan f'akkoppjament mal-principju fondamentali ta' l-espressjoni libera;

(3) L-ammont likwidat f'danni huwa ezagerat;

L-istampat li minnha l-attur hassu malafamat jikkonsisti minn karikatura fil-gurnal "In-Nazzjon", illustrattiv tal-Kap tal-Partit Laburista mdawwar u mahnuq minn corma sriep nominati bhala "Alleanza Falzon". Jinghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-8 ta' Jannar, 1959 in re: "**Il-Pulizija -vs- Joseph Micallef Stafrace**", b'citazzjoni mid-decizjoni Ingliza "**Ellis -vs- Kimball**" (1834), "*A man may be as grossly libelled as effectually exposed to hatred, contempt or ridicule, by a caricature as by written language*." Qajla hemm bzonn jinghad, imbaghad, illi "*a defamatory imputation can be conveyed by a comparison of a person's character with that of any treacherous or disgusting animal*" (**Gatley**, "**On Libel and Slander**", 7th Edition, 1974, pagna 103). Ara wkoll b'osservazzjoni tal-principju s-sentenza fl-ismijiet "**Kalcidon Agius -vs- Anthony Montanaro**", Appell Kriminali, 27 ta' Gunju, 1959;

Ferma din l-introduzzjoni generali qasira, hija s-sottomissjoni ta' l-appellanti bl-ewwel motiv ta' aggravju illi r-riferenza fil-karikatura ghall-"Alleanza Falzon", meta ezaminata fil-kuntest ta' l-editorjal, ma kienetx necessarjament tissuggerixxi jew tindika abbinament mal-persuna ta' l-attur. Jikkonkludi, konsegwentement, illi l-attur ma rnexxielux jiddemostra, bi prova konklusiva, dak l-element ta' l-identifikazzjoni ghalbiex tirnexxi l-azzjoni tieghu;

Kif saput, u kif inhu, del resto, affermat, sija fid-duttrina legali, sija fil-gurisprudenza, fuq il-materja, illi "*evidence is also admissible of any 'relevant surrounding circumstances' which would or might lead those who read the libel to conclude that the plaintiff was the person referred to*" (Gatley, *Op. cit,* para. 1217). Skond il-Qorti ta' l-Appell Kriminali dan hu proprju t-test klassiku li generalment jigi segwit. Ara "**Il-Pulizija -vs- Rocco**

**Abdilla *et***", 28 ta' April, 1962. Gja qabel din kien gie mill-istess Qorti ritenut illi f'kaz fejn il-kwerelant mhux identifikat b'ismu wiehed ghandu jezamina jekk dan huwiex hekk identifikat espressament mill-kuntest ta' l-istess artikolu "bi frazijiet jew alluzjonijiet, b'riflessi minn partijiet ohra ta' l-artikolu, b'mod li tkun tirrizulta minghajr ekwivoci l-allegazzjonijiet ghalih" ("**Thomas Hedley *proprio et nomine* -vs- Karmnu Zammit**", 10 ta' Marzu, 1956);

Naturalment, in bazi ghall-ispjegazzjoni dottrinali appena riportata l-prova ta' l-identifikazzjoni tista' tkun estratta anke minn artikoli precedenti, ippubblikati fl-istess gurnal. Fil-kaz in ispecje din il-prova saret mill-attur appellat bl-esebizzjoni ta' estratt mill-istess gurnal tal-harga tat-30 ta' Lulju, 2005 taht it-titolu "L-allenza ta' Michael Falzon ..." (ara kopja a fol. 19). Oggettivament skrutinata x-xhieda tal-konvenut (fol. 35), dan lanqas ma hu hekk eskluz minnu. Huwa jistqarr illi skond is-sorsi tal-gurnal jezistu alleanzi u gruppi differenti fil-Labour Party u, li ghalkemm il-Kap ta' dan il-partit ma semma lil hadd espressament f'diskorsu relattiv ghat-twissija dwar serp fl-intern tal-partit, kienet il-fehma tieghu illi l-attakk kien dirett kontra persuna qrib l-attur. Din l-istqarrija, flimkien ma' dik il-prova l-ohra, twaqqa' ghal kollox id-difiza tan-non-identifikazzjoni tal-persuna ta' l-attur mal-karikatura. L-ewwel aggravju qieghed ghaldaqstant jigi skartat;

B'introduzzjoni ghat-tieni motiv ta' aggravju jibda biex jinghad illi hemm certament qbil ma' l-appellanti illi l-manifestazzjoni ta' l-espressjoni hielsa, iggarantita mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja, tifforma principju konsolidat li jippremeggja fuq drittijiet ohra. Dan, pero`, dejjem salv li jkun hekk ezercitat f'certi limiti oggettivi. Il-kritika mhix, *a priori*, vjetata, anke jekk skomda u harxa, basta li ma jinqabzux dawk il-limiti u dik il-kritika ma titraxxendix f'livell denigratorju;

Bhall-ewwel Qorti qabilha din il-Qorti hi wkoll tal-fehma illi l-karikatura *de quo* akkompanjata bil-frazi "Alleanza Falzon" hi ta' portata offensiva ghall-attur, tenut ukoll qies tal-posizzjoni gholja li f'dak il-mument storiku kien igawdi fil-Partit tieghu. Permezz taghha nghata risalt qawwi, mhux biss lill-fattezzi fizici ta' l-attur b'dik is-sembjanza ta' serp imma wkoll lill-mod ta' agir tieghu, kapeggjanti alleanza ta' sriep li javvelenaw lil-*leader* tal-partit tieghu stess u lill-politika tieghu. In-ness li taghmel il-karikatura mal-komportament politiku ta' l-attur hu wiehed distintament ovvju, dipint b'tali mod li tirrendi immedjata l-percezzjoni tal-qarrej ordinarju tal-kwalita karatterjali baxxa u mostruza ta' l-attur. L-addebitu hu lampantement evidenti. Il-messagg hu wiehed car. Id-denigrazzjoni, konkreta u kompleta;

L-ewwel Qorti sewwa vvalutat il-portata offensiva tal-karikatura fis-sens li kienu eccedenti l-limiti tat-tollerabbli, ukoll meta meqjusa fil-parametri tal-principji Konvenzjonali invokati mill-appellanti. Dan ghaliex il-liberta ta' l-espressjoni lanqas ma tista', jew ghandha, toghla ghal-livell ta' licenzja li wiehed jghid li jrid jew, impunement, jiddeskrivi soggetti li jkunu l-mira ta' kritika, anke jekk fil-politika, b'mod li jnissel disprezz jew dizvalur fl-istima fil-konfront taghhom. Minnha nnifisha l-karikatura tikkostitwixxi "*res ipsa loquitur*" u ma kienet lanqas tenhtieg ebda ricerka approfondita biex ikun identifikat "*the sting of the libel*". Fuq dan l-aspett taghmel qari interessanti s-sentenza fl-ismijiet "**L-Onor Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami *et* -vs- Joseph A. Vella *et***", Appell Superjuri, 6 ta' Ottubru, 2000. In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet anke dan it-tieni aggravju qed jitqies insostenibbli;

Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Domenic Fenech -vs- Victor Camilleri *nomine***", Appell, 15 ta' Marzu, 1996 illi "l-enfasi fuq il-piena huwa anqas markat minn qabel u dan implicitament b'rikonoxxenza tal-fatt illi llum il-gurnata s-sens kritiku u ta' maturita tal-qarrej ordinarju huwa aktar avanzat u zviluppat minn fl-imghoddi". In partikolari,

skond din l-istess decizjoni, dan huwa hekk fejn fin-nofs ikunu involuti nies attivi fil-qasam politiku;

*In subjecta materia* din il-Qorti diga kellha okkazjoni tapprofondixxi t-tematika tad-danni fil-kaz "**Perit Dom Mintoff -vs- Saviour Balzan**", deciz fit-22 ta' Marzu, 2006. *Inter alia,* l-Qorti kienet hemmhekk iggwidat ruhha minn certi kriterji bazici senjalati sew fid-duttrina Ingliza kif ukoll dik kontinentali. Fost ohrajn, il-gravita ta' l-addebitu, l-estensjoni tad-diffamazzjoni u l-kwalita` tas-soggett lez. L-applikazzjoni u l-ezami taghhom ghal fattispeci hu mholli fid-diskrezzjoni ghaqlija tal-Qorti adita mill-mertu, purke sopportata minn motivazzjoni kongruwa;

L-appellanti jilmenta illi d-danni likwidati la huma gusti u lanqas realistici fic-cirkustanzi, u zgur li l-kaz ma kienx jisthoqqlu kundanna tant pezanti. Fl-istess waqt li jafferma dan, jonqos, fil-fehma tal-Qorti, milli javvanza ragunijiet determinanti ghal pretiza tieghu bit-tielet aggravju ghat-temperament tad-danni kif, mill-ewwel Qorti, likwidati;

Ma jistax ikun dubitat illi l-addebitu fil-konfront ta' l-appellat huwa wiehed ta' gravita tali li jgib mieghu l-istmerrija tal-pubbliku in generali, u in partikolari, ta' l-affiljati jew simpatizzanti tal-partit politiku li tieghu l-attur kien wiehed mill-mexxejja. Dik il-gravita` seta' kellha anke f'dak il-mument storiku riperkussjonijiet qawwija fuq il-karriera politika ta' l-attur. Anke jekk din il-Qorti ma trid tnaqqas xejn minn natura u l-gravita` tal-malafama, jew dik ta' l-aspettattiva mill-attur ghar-reputazzjoni u d-dinjita` tieghu, l-essenza ta' likwidazzjoni, anke ezemplari, kellha, fil-hsieb ta' din il-Qorti, tkun influwenzata mic-cirkustanzi kollha sostanzjali tal-kaz, u kommizurata mal-pregudizzju effettivament arrekat. B'dan il-metru hi l-fehma ta' din il-Qorti illi, fil-kumpless, l-entita` tad-danni likwidati ghandu jonqos b'elf lira ghall-ammont komplessiv ta' elfejn lira.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi l-appell billi tichad l-ewwel zewg kapi ta' aggravji u f'dan is-sens tikkonferma s-sentenza appellata. Tvarja l-istess sentenza billi tilqa' in parte t-tielet motiv ta' aggravju u tirreduci l-ammont tad-danni ghal elfejn lira Maltin (Lm2000) ossija erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin euro, hamsa u sebghin centezmu (€4658.75). L-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------